# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 453/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Sarah Zammit**

Illum 24 ta' Ottubru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellanti **Sarah Zammit**, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 63891(M), akkużata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli:

1. ġewwa Ta' Xbiex u/jew Gżira u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, nhar it-12 ta' Jannar 2016 fil-ħin ta' 21:55hrs ġewwa Triq Alfred Craig, Gżira f'post pubbliku jew f'post espost għall-pubbliku tlajjat jew għamlet biex tħajjar għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet immorali u dan bi ksur ta' Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. saret reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija lilha mill-Qrati Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-5 ta' Ottubru 2016, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 63 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, sabet lill-imputata ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u kkundannatha disa' (9) xhur priġunerija. L-Ewwel Qorti rrakomandat lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex l-imputata tingħata l-għajnuna kollha nkluż li ssegwi programm ta' riabilitazzjoni.

Rat ir-Rikors tal-appellanti ppreżentat fl-14 ta' Ottubru 2016 fejn talbet lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha għal dik li hi ħtija, pero' tħassar il-piena inflitta u minflok tikkundanna lill-appellanti għal piena li tkun aktar tenwa, proporzjonata u indikata għall-fattispeċi tal-każ u li tassikura r-rijabilitazzjoni tal-istess appellanti."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tal-10 ta' Ottubru 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li kienu qed jirrimettu ruħhom għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Illi l-unika gravam imressaq mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha huwa dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Hija tikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tagħha u li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija fil-parametri tal-liġi pero' tisħaq li l-Ewwel Qorti ma kinitx infurmata dwar il-kambjament li kienet qed tagħmel f'ħajjitha. Tisħaq li kienet qed tagħmel progress mid-data tal-imputazzjonijiet u li għalhekk il-piena ta' priġunerija ser taħdem kontra r-riforma tagħha. Tgħid li hija ma kellha tfulija xejn faċli u dan minħabba li ta' ħdax (11)-il sena kienet diġa' esposta għad-droga u ta' tlettax (13)-il sena kienet diġa' esposta biex taħdem, minn min ġabha fid-dinja, fil-prostituzzjoni u għalhekk hija ma tafx ħajja differenti minn din. Tgħid qed taċċetta li mhux kulħadd qiegħed hemm biex jisfruttaha iżda li hemm nies ukoll li jridu l-ġid tagħha. Tgħid li għandha tifla u li tixtieq li tbiddel ħajjitha biex tagħti futur ħafna aħjar lil bintha minn dak li kien ġie offrut lilha. Tgħid ukoll li huwa minnu li kienet ingħatat diversi ċansijiet mill-Qrati biex tersaq lejn it-triq it-tajba u tirranġa ħajjitha iżda dawn ma kinitx ħadithom bis-serjeta'. Tgħid li qed tieħu interess fil-kambjament tal-ħajja tagħha u bl-għajnuna sħiħa tal-professjonisti tal-Caritas hija qed tagħti r-riżultati. Tgħid li għadha ma ġietx rijabilitata mill-vizzji tagħha minħabba t-trawmi li għaddiet minnhom u tgħid ukoll li r-rijabilitazzjoni tagħha jeħtieġ tkun fit-tul.

Illi din il-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju tal-appellanti billi tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Nazzareno Caruana** (Numru 45/2020) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll

kristallizzat fis-sentenza fil-każ **Il-Pulizija vs. Joseph Attard** mogħtija [...] fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

> "Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti. Dan tagħmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mil-liġi għar-reat in eżami, jew tkun xi piena ħarxa wisq jew sproporzjonata għal dak li jkun għamel il-ħati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-liġi.""

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ikkwotat, hija xtarret il-pieni li tippreffiġġi l-liġi għar-reati li wettqet l-appellanti u li tagħhom hija nstabet ħatja u tqis l-Ewwel Qorti korrettament applikat, fost l-oħrajn, Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti kienet iddeċidiet dwar il-piena wara li semgħet l-ammissjoni tal-appellanti allura imputata, qieset in-natura tar-reat addebitati lilha kif ukoll il-fedina penali voluminuża tagħha. Jirriżulta li l-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-opportunitajiet li l-appellanti ngħatat minn qrati diversi ma servewx ta' deterrent u għalhekk hija imponiet piena ta' priġunerija minkejja l-ammissjoni bikrija tal-appellanti.

Illi din il-Qorti ma rriżultalha xejn dwar dak sollevat mill-appellanti fir-Rikors tal-appell tagħha u dana b'mod speċjali tenut kont tal-fatt li għad-domanda tal-istess appellanti fir-Rikors tagħha jekk hija kinitx tinsab fi triq it-tajba u jekk kinitx qegħda tirreġistra progress kontinwu, hija wieġbet hekk: *"Ir-risposta għal din id-domanda hi ndubitament fl-affermattiv"* (*a fol.* 45).

Illi din il-Qorti ser tieħu ħsieb tiżen kemm l-interess tas-soċjeta' kif ukoll l-possibbilita' li l-appellanti tiġi rintegrata fis-soċjeta'. Ma għandhiex tintnesa l-fedina penali refrattarja tal-appellanti u n-natura tal-imputazzjonijiet li hija nstabet ħatja tagħhom.

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti, din il-Qorti tqis li c-ċirkostanzi tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellanti huma tali li twassal lil din il-Qorti sabiex ma tvarjax il-piena erogata mill-Ewwel Qorti.

Illi din il-Qorti ma tantx għandha aktar xi tgħid għajr li l-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti taqa' sewwasew fil-parametri tal-piena għall-imputazzjonijiet li tagħhom l-appellanti nstabet ħatja. Il-Qorti żżid tgħid li l-piena mposta mill-Ewwel Qorti fuq l-appellanti kienet waħda legalment u raġonevolment valida, mhux *"wrong in principle"* kif tisħaq l-appellanti u tirrispekja l-imputazzjonijiet li tagħhom hija nstabet ħatja. Il-Qorti hija tal-fehma li ma teżisti l-ebda raġuni li tista' twassalha sabiex titbiegħed mid-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti fil-kalibrazzjoni tal-piena minnha magħmula, liema piena għalhekk għandha tibqa' invarjata.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellanti Sarah Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi sabiex l-appellanti tingħata l-għajnuna kollha neċessarja minnufih.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**